Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 23/2014

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol numru 2783 bejn:**

**Angela Vassallo (ID 354456M)**

**u**

**Milano Due Limited (C 10077)**

Il-Gimgha, 15 ta' Lulju 2016

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Angela Vassallo tat-28 t'April 2010 prezentat quddiem it-Tribunal Industrijali li fih ippremettiet li hija kien ilha mill-1991 impjegata mas-socjeta' Milano Due Limited li tiggestixxi l-lukanda Milano Due. Fis-sena 2001 hija kienet inghatat il-kariga ta' *housekeeper*. Fis-7 t'Ottubru 2009 is-socjeta' ntimata nfurmata b'ittra li l-impieg taghha kien qed jigi mitmum b'effett mid-29 ta' Dicembru 2009 minhabba "Refurbishing Programme" tal-lukanda. Fil-fehma taghha dan ma jikkostitwix "*redundancy*". Minkejja li ghall-habta ta' April 2010 il-lukanda fethet mill-gdid ghax-xoghol, hija ma gietx impjegata mill-gdid, nonostante li kienet giet infurmata illi malli terga' tiftah il-lukanda il-*Management* kien sejjer jibghat ghaliha. Hija irrappurtat dan lid-Dipartiment tal-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali. Tghid li tul ir-*refurbishment* mhux il-haddiema kollha twaqqfu mix-xoghol u wara li fethet il-haddiema kollha ssejhu lura minbarra hi, oltre li gew impjegati nies godda. Filwaqt li tilmenta li t-terminazzjoni tal-impieg taghha ma kinitx ghal raguni valida fil-ligi, anke kieku din it-terminazzjoni kienet minhabba *redundancy*, hija kienet intitolata terga' tigi impjegata a tenur tal-atikolu 36(b) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Hija qalet ukoll li giet diskriminata u vvittimizzata meta ma regghetx giet impjegata mill-gdid. Ir-rikorrenti talbet li tigi ordnata tidhol lura fl-impieg li kellha jew sussidjarjament jigi dikjarat li s-socjeta' ntimata kisret l-artikolu 36(b) tal-Kap 452 minhabba diskriminazzjoni u vittimizzazzjoni skond l-artikli 26 u 28 tal-istess ligi, u jinghata rimedju ta' reinstatement u/jew kumpens xieraq.

Rat ir-risposta tas-socjeta' ntimata Milano Due Limited tal-25 ta' Mejju 2010[1] li permezz taghha eccepiet preliminarjament illi kien hemm dekadenza in kwantu r-rikorrenti fethet il-kaz taghha aktar minn erba' xhur wara d-decizjoni tat-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrenti. Fil-mertu, it-talbiet attrici huma nfondati ghax: (i) jekk ir-rikorrenti kienet taghmel xoghol iktar minn dak li

[1] Fol 11 et seq.

kienet timporta l-kariga ta' housekeeper, ir-rikorrenti kienet taghmel tali xoghol minn jeddha; (ii) il-lukanda ghalqet ghal *refurbishment* ghal numru ta' xhur u tul dan iz-zmien hafna haddiema, inkluz ir-rikorrenti, twaqqfu mill-impieg minhabba *redundancy*; (iii) is-socjeta' ntimata la ddiskriminat mar-rikorrenti u lanqas ivvittimizzatha.

Rat <u>id-decizjoni tas-16 ta' Settembru 2014</u> tat-Tribunal[2]:

*"Ghaldaqstant, wara li dan it-Tribunal ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed fl-ewwel lok jichad l-eccezzjoni preliminari, u fit-tieni lok jiddeciedi u jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrenti kienet genwinament ibbazata fuq redundancy, li ma giet ippruvata ebda diskriminazzjoni kontra taghha, u ma rrizultax li l-kumpanija intimata inqalghetilha l-htiega li terga' timpjega lir-rikorrenti fix-xoghol li kellha qabel, tal-inqas matul is-sena dekorribbli mit-terminazzjoni tal-impieg taghha. Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jichad it-talbiet ghal re-instatement kif ukoll ghall-hlas ta' kumpens. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet taddifensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' tlieta u disghin Euro (€93.00). B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol."*

Dan wara li t-Tribunal ghamel is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(i) L-eccezzjoni preliminari dwar it-tardivita' tar-rikors mhijiex gustifikata ghaliex l-impieg tar-rikorrenti intemm fid-29 ta' Dicembru 2009 mentri l-kaz quddiem it-Tribunal infetah fid-29 t'April 2010, u cioe` entro l-4 xhur li tippermetti l-ligi;

(ii) Fil-mertu, dan il-kaz jippernja fuq jekk huwiex minnu li s-socjeta` intimata ma kienx ghad ghandha bzonn tar-rikorrenti bhala *housekeeper* jew le wara li waqfet topera hames xhur bejn Novembru 2009 u Marzu 2010. Mill-provi mressqa jidher li aktar ma ghadda z-zmien mill-impieg tar-rikorrenti, aktar is-subalterni taghha kienu ottjenew esperjenza li biha setghu jirrimpjazzawha f'xogholha;

(iii) Ir-rikorrenti kienet minn zmien ghal zmien titlob lil dawn is-subalterni taghha jissostitwuha, jew ghax ma tkunx qed tlahhaq max-xoghol kollu li kellha jew kif tghid hi biex tevita li tahdem fil-Hdud;

(iv) Jidher li meta l-lukanda giet biex taghmel *refurbishment*, it-tmexxija kellha l-hsieb timpjega lil kulhadd lura, hlief ghal impjegata wahda (mhux ir-rikorrenti). Is-socjeta` intimata ghamlet l-almu taghha biex kemm jista' jkun izzomm l-akbar numru ta' haddiema ikomplu jahdmu, anke jekk bi rwoli differenti, u dan anke fiz-zmien li l-lukanda ma kinitx qed tilqa' nies. Meta imbaghad il-lukanda regghet fethet, il-haddiema regghu bdew jissejhu mill-gdid ftit ftit skond kif beda jizdied ix-xoghol. Il-haddiema bdew jissejhu skond kif necessarju biex il-lukanda topera u tlahhaq max-xoghol li kien gej;

(v) Jidher li meta f'April 2010 ir-rikorrenti riedet tkun taf x'ser isir minnha, il-lukanda ma kienx ghad inqalghalha l-bzonn li ssejhilha lura, u qaltilha li m'hemmx xoghol

[2] Fol 314 et seq.

ghaliha. Il-lukanda kienet ghadha fil-process li ssejjah lill-haddiema anke f'Settembru 2010;

(vi) Ir-rikorrenti tibbaza l-ilment fuq tliet pilastri, u cioe` li t-terminazzjoni tal-impieg f'Dicembru 2009 ma kienx gust, li saret diskriminazzjoni maghha, u li ma ssejhitx lura jekk inqala' l-bzonn ghaliha fi zmien sena. Dwar it-terminazzjoni tal-impieg f'Dicembru 2009 m'hemmx wisq x'wiehed jargumenta, ghaliex kienet haga carissima li la l-lukanda waqfet topera f'Ottubru 2009, f'Dicembru ma kienx ghad hemm xoghol ta' *housekeeping* ghar-rikorrenti. Ghaldaqstant l-ilment li t-terminazzjoni tal-impieg taghha ma kienx veru minhabba *redundancy*, imma tkeccija ingusta, ma huwiex fondat. Hafna kienu dawk li twaqqfu mix-xoghol fl-istess perjodu, ghalkemm uhud talbu li jinstabilhom xi haga ohra x'jaghmlu, kif sar;

(vii) Dwar id-diskriminazzjoni, jehtieg li l-persuna impjegata tqabbel ruhha ma' mpjegati ohra fl-istess pozizzjoni. Irrizulta li f'dan il-kaz l-lukanda ma kellha lil hadd iktar fil-pozizzjoni ta' *housekeeper*. Ghalhekk dan l-ilment mhuwiex gustifikat;

(viii) Dwar l-ilment li r-rikorrenti ma ddahhlitx lura ghax-xoghol minkejja li kien hemm vakanza fi zmien sena, jirrizulta li fid-29 t'April 2010 il-lukanda Milano Due kienet ghadha fl-istadju li tibda' tilqa' n-nies, pero` ftit li xejn kellha xoghol u ghalhekk hafna haddiema kienu ghadhom ma ssejhux. Jista' jaghti l-kaz li l-insistenza tar-rikorrenti biex tidhol mill-gdid u l-ftuh ta' dan il-kaz holqu certu animozita` bejnha u s-sur Pulis, li kien qed jiehu hsieb isejjah lill-impjegati lura;

(ix) Jirrizulta wkoll li matul is-snin ta' qabel ir-*refurbishment*, ix-xoghol li kienet taghmel ir-rikorrenti prattikament seta' jaghmlu xi hadd iehor, u ghalhekk jidher li kien veru li maz-zmien ir-rikorrenti ma baqghetx daqstant indispensabbli. Ghalhekk meta r-rikorrenti ressqet l-ilment taghha, l-lukanda verament kienet ghadha bi ftit xoghol u ma kellhiex bzonn ta' *housekeeper*. Skont is-socjeta` intimata, sa nofs l-2011 il-lukanda kienet ghadha ma rpiljatx ghal kollox u kienet moqdija sew bin-nies li kienet dahhlet sa dakinhar. Id-doveri diversi tar-rikorrenti kienu qed jaghmluh il-haddiema l-ohra li regghu hadu posthom, u dan b'zieda max-xoghol li kellhom;

(x) Il-kaz tar-rikorrenti huwa pjuttost sfortunat, pero` ma tirrizutla ebda *mala fede* minn naha tal-kumpanija intimata. Il-kumpanija intimata rat kif illapazzat bil-haddiema li kellha, pero' r-rikorrenti sfortunatament ghandha certi limitazzjonijiet, partikolarment dawk ta' sahha (li r-rikorrenti ma cahditx li ghandha), li jaghmluha inqas flessibli, u ghalhekk inqas utli ghall-kumpanija intimata. Ir-*records* juru li dahlu diversi *maids* warajha, pero' dak ix-xoghol ma jghoddx ghar-rikorrenti, u ma rrizultax li prezentement hemm xi kariga ohra li kienet tghodd ghaliha.

Ir-rikorrenti appellat mis-sentenza. Is-socjeta' ntimata wiegbet[3].

Waqt is-seduta tal-24 ta' Frar 2016 dehret l-appellanti u d-difensuri tal-partijiet li ghamlu

[3] Fol 12 et seq.

riferenza ghall-atti u ddikjaraw li m'ghandhomx xi jzidu maghhom[4].

Il-Qorti rat l-atti.

**<u>L-ewwel aggravju: Tkeccija ngusta mhux *redundancy*.</u>**

L-appellanti tilmenta li l-gheluq temporanju tal-lukanda ghal *refurbishment* u l-ittra tal-terminazzjoni tal-mpjieg taghha - fl-isfond tal-fatt li hija giet infurmata li malli tiftah il-lukanda hija kienet ser terga' tigi mpjegata mill-gdid – iwasslu ghall-konkluzjoni li t-terminazzjoni tal-impjieg taghha sehh ghal kawza mhux gusta li ma tikkostitwixxix *redundancy*. Is-socjeta' appellata ma tatx ir-*redundancy* bhala raguni ghat-terminazzjoni tal-impjieg u t-Tribunal ma dahalx fil-kwistjoni ta x'jikkostitwixxi *redundancy*. La m'ghamilx hekk, legalment it-Tribunal ma setax jikkonkludi li l-impjieg tar-rikorrenti appellanta kien gie *redundant*. Barra minn hekk, meta intrapriza taghlaq ghal zmien temporanju biex tiftah wara ftit zmien, dan ma jammontax ghal *closing down of business* u lanqas jirrendi lill-impjegati *redundant*. It-Tribunal lanqas ma dahal fil-kwistjoni jekk din kinitx tikkostitwixxi *collective redundancy*.

Tenut kont il-parametri stretti li fihom hu permess appell minn decizjoni tat-Tribunal a tenur tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, mhuwiex kompitu ta' din il-Qorti li taghmel ezami tal-fatti, liema funzjoni tappartjeni lit-Tribunal. F'kull kaz izda, ezami tac-cirkostanzi tal-kaz odjern, anke mill-aspett ta' fatti, ma jbieghedx lil din il-Qorti mill-konkluzjoni raggunta mill-istess Tribunal li dan kien kaz ta' *redundancy* ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u mhux kwistjoni ta' tkeccija ngusta.

L-artiklu 2 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi li *"tkeċċija inġusta", dwar ħaddiem, tfisser - (a) it-temm mill-prinċipal dwar dak il-ħaddiem ta' kuntratt ta' impieg għal żmien mhux stabbilit (barra minn impieg bi prova skont kif imfisser f'dan l-Att) li jkun temm li ma jsirx biss minħabba redundancy……"*

F'kaz ta' redundancy, il-principal ghandu d-dmir li (i) jaghti avviz ta' temm tal-impjieg, iżda kull impiegat li l-impieg tieghu jigi mitmum minhabba din ir-raguni jkun intitolat għall-impieg mill-gdid jekk il-post li kien jokkupa qabel jerġa' jkun disponibbli fi żmien perjodu ta' sena mid-data ta' tmiem l-impieg (b'kondizzjonijiet mhux inqas favorevoli minn dawk li hu kien ikun intitolat għalihom li kieku l-kuntratt tas-servizz dwaru ma kienx intemm)[5]; (ii) jtemm l-impieg ta' dik il-persuna li tkun impjegata l-aħħar fil-klassi tal-impieg milquta minn dik ir-*redundancy*.[6]

Il-Qorti tqis li dawn il-kriterji gew debitament evalwati mit-Tribunal fid-deliberazzjonijiet tieghu.

---

[4] Fol 23.

[5] Artikolu 36 (3) tal-Kap 452.

[6] Artikolu 36 (4) tal-Kap 452.

Kif diga' inghad minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kaz **David D'Anastasi vs Thermoplastics Limited fis-26 ta' Gunju 2012**[7] -

*"L-artiklu 2 tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta ma jaghtix tifsira tal-kelma redundancy, izda tifsira komprensiva tal-istess kelma tinsab fil-Ligi Ingliza li maghha l-Ligi Maltija ghanda hafna xebh. Il-Ligi Ingliza taghti t-tifsira tal-kelma redundancy kif isegwi:*

*"Redundancy is considered to have taken place when:*
*a) The employer ceases to carry on the business in which the employee was engaged or closes down the place in which he/she was working;*
*b) The business ceases to require people with the particular skills of the employee or needs fewer of them to carry out the work;*
*c) The dismissal is for a reason not related to the individual concerned or for a number of reasons all of which are not so related.*

*This last provision (c) was introduced by the TURERA in 1993 to protect those who found themselves dismissed because of reorganizations, which meant that fewer workers were needed, but whose dismissal did not fall within the previous definition of redundancy." (The Personnel Manager's Factbook – Volume II published by GEE Publishing Limited).*

*Illi dan ifisser li sabiex ikun hemm redundancy irid ikun hemm abolition of post u fil-fatt l-Ligi Maltija segwiet il-Ligi Ngliza fuq dan il-punt tant li fis-sentenzi fl-ismijiet **"Remi Armeni vs Francis Busuttil & Sons Limited"** (A.I.C. (RCP) - 28 ta' Gunju 2011) u **"Alessandra Theuma vs Alfred Mangion et** (A.I.C. (PS) – 23 ta' Mejju 2008) gie affermat li –*

*"Fuq din il-materja ta' redundancy jidher li l-kaziztika tal-Qrati Inglizi stabbilit dawn il-linji gwida, u cjoe':-*
*(a) was the employee dismissed;*
*(b) If so, had the requirements of the business for the employees to carry out the work of a particular kind ceased or diminished (or were expected to do so)?*
*(c) If so, was the dismissal caused wholly or mainly by that state of affairs".*

*"Tissokta tirritjeni s-sentenza **"Safe Stores plc vs Burrell"** (1997) li l-minnha l-precitat kweziti ttiehdu, illi taht punt (b) l-element krucjali hu dak jekk verament kien hemm tnaqqis fil-business requirements di fronte ghall-impjegat. Espicitament, tesprimi "in deciding that, tribunals should not introduce "a contract test" whereby they just considered the specific tasks the applicant was employed for".*

*Illi wkoll f'din l-istess linja ta' hsieb is-sentenza **"Shawkat vs Nottingham Hospital NHS Trust"** u ghal certu sens, mhux lanqas 'il-boghod minnhom, iddecizjonijiet ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Victoria Spiteri vs St. Catherine's High School"** (18 ta' Ottubru 2006) u "John Bartolo vs International Machinery Limited" (9 ta' Mejju 2007)".*

Huwa pacifiku li lejn l-ahhar tas-sena 2009, is-socjeta' ntimata llum appellata ghalqet il-bibien tal-lukanda Milano Due sabiex isirulha xoghlijiet estensivi ta' mmodernizzar. L-ittra ta' terminazzjoni ta' mpjieg tal-haddiema nvoluti (inkluz tar-rikorrenti)[8], ix-xhieda tar-rikorrenti[9],

[7] App Civili Nru 22/11RCP.

[8] Dok C fol 7.

ix-xhieda tal-General Manager tas-socjeta' appellata Franklin Pulis[10], kif ukoll ix-xhieda tal-haddiema li xehedu quddiem it-Tribunal jikkonfermaw dan bhala fatt. Skont l-istess Franklin Pulis, il-lukanda kellha taghlaq lejn l-ahhar t'Ottubru 2009[11] u regghet fethet fl-1 t'April 2010[12].

L-appellanti targumenta li meta azjenda taghlaq parti mill-istabbiliment taghha ghal refurbishment biex tiftah ftit tax-xhur wara, dan ma jikkostitwixxix *closing down of business* u tali gheluq ma jirrendix ghalhekk lill-impjegati *redundant*. Il-Qorti ma taqbilx. L-appellata ghalqet in-negozju ghal perjodu ta' hames xhur. M'hemm xejn fil-ligi li jaghti x'tifhem li sabiex redundancy tkun gustifikata, in-negozju jrid jaghlaq b'mod permanenti. L-appellanti kienet impjegata bhala housekeeper fil-lukanda. Hu ovvju li meta l-lukanda ghalqet il-bibien u beda x-xoghol ta' refurbishment, ma kienx ghad hemm xoghol ta' housekeeper. Fatt mhux kontestat mill-appellanti. Ladarba ma kienx ghad hemm xoghol ta' housekeeper, il-principal kellu dritt li jittermina l-impieg tal-appellanti minhabba *redundancy*.

It-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrenti u ohrajn tikkwalifika fil-kuntest ta' terminazzjoni minhabba *redundancy*, irrispettivament mill-fatt li fl-ittra ta' terminazzjoni datata 7 t'Ottubru 2009[13] ma ssemmitx il-kelma *redundancy*. Inoltre, dan ma kienx kaz fejn l-impieg tal-appellanti biss gie terminat.

Jirrizulta wkoll li apparti l-ghoti tal-avviz ta' terminazzjoni tal-impieg, ir-rikorrenti nghatat il-*leave* kollu li kien fadal u li kienet intitolata ghalih bhala parti minn *notice period*, u thallset il-bonuses dovuti skont il-ligi[14].

Jigi osservat li fil-mument meta giet biex taghlaq il-lukanda sabiex isir l-immodernizzar mehtieg, l-appellanti kienet tokkupa l-kariga ta' *housekeeper*, u hi biss kellha dik il-kariga. F'dan ir-rigward kienet responsabbli *"ghal dak kollu li jaqa' taht id-dipartiment tal-housekeeping bhal tindif ta' kmamar, restaurants, reception areas, public toilets etc…"*[15] It-tindif tal-kmamar *per se* ma kinitx taghmlu hi imma n-nies ta' tahtha li kienet tqassmilhom ix-xoghol ta' kuljum[16]. Kienet ukoll tipprepara r-roster ghalkemm kien hemm zmien meta dan

---

[9] Affidavit taghha para 24 a fol 151.

[10] Affidavit para 2 a fol 20.

[11] Para 3 tal-affidavit tieghu.

[12] Para 11 tal-affidavit tieghu.

[13] Dok C a fol 7.

[14] Xhieda ta' Josephine Abdilla, Finance Manager mas-socjeta' appellata a fol 8 u 9.

[15] Affidavit tar-rikorrenti para 3 fol 148.

[16] Affidavit Franklin Pulis, para 5 fol 22.

kien isir mill-General Manager Franklin Pulis[17]. Kienet ukoll ticcekja l-kmamar ghalkemm kien hemm drabi meta nkarigat lill-haddiema ta' tahtha biex jaghmlu dak ix-xoghol[18]. Hi sinifikanti l-ammissjoni tal-appellanti li sa minn qabel l-gheluq tal-lukanda fl-2009 *"jien ma kienx ghad baqaghli hafna hin allokat ghal xoghli proprja ta' housekeeper peress li kont qed naghmel ix-xoghol tal-laundry attendant peress li din qatt ma giet sostitwita[19]."*

Il-Qorti, l-istess bhat-Tribunal, issib ukoll li l-kariga ta' *housekeeper* ma regghetx kienet tezisti fi zmien sena mid-data tat-tmiem tal-impieg tal-appellanti, li f'kull kaz hi materja ta' fatt li dwarha m'hemmx jedd ta' appell. F'kull kaz il-provi juru li:

(a) Waqt li kienu ghaddejjin ix-xoghlijiet fil-lukanda, uhud mill-haddiema f'karigi ohra inghataw l-opportunita' li jibqghu jahdmu fil-lukanda imma nghataw xoghol differenti minn dak li kienu jaghmlu qabel. Fost ohrajn, Mohammed Thabet minn *Accounts Manager* u *Food and Beverage Controller* spicca jaghmel xoghlijiet ta' *maintenance*[20] u Michael Sultana, kok, ukoll ghamel xoghol ta' *maintenance*. Is-socjeta' appellata ma offrietx xoghol alternattiv lill-appellanti waqt dan il-perjodu ghaliex fi kliem Franklin Pulis ix-xoghol mehtieg dak iz-zmien kien xoghol "*ta' strapazz u Ms Angela Vassallo ghandha storja ta' ugiegh f'daharha jew fi spallitha jigifieri ma stajtx nghajtilha biex taghmel dak it-tip ta' xoghol* [21]". L-appellanti ma kkontestatx din il-verzjoni, u jirrizulta li t-Tribunal emmen din il-verzjoni. Dan zgur hu apprezzament ta' fatt li l-appellanti ma tistax tikkontesta gialadarba l-jedd tal-appell jezisti biss fuq punti ta' dritt.

(b) Ghal dak li hu tindif, waqt li kienu ghaddejjin ix-xoghlijiet ta' modernizzar inzammet *cleaner* wahda li kienet tnaddaf il-*coffee shop*, il-kcina, it-toilets u l-ufficini[22]. Ir-rikorrenti qatt ma kienet tokkupa l-kariga ta' *cleaner*[23];

*(c)* Meta beda jipprogressa x-xoghol tal-immodernizzar u zdied ix-xoghol ta' tindif, Franklin Pulis ghas-socjeta' appellata jghid hekk: *"ergajna bdejna ndahhlu il-maids li kien hemm qabel. Ghall-ewwel dahhalna maid, li kienet full time sabiex jibda t-tindif tas-sulari, kif ukoll wiehed mill-part-timers (li nzerta ragel ghal xoghol ta' garr u tindif ta' certa portata) u biz-zmien ergajna dahhalna part-timers ohra biex jitkompla t-tindif tal-kmamar li kienu*

---

[17] Xhieda tar-rikorrenti waqt is-seduta tal-20 ta' Marzu 2012 a fol 243; ara wkoll xhieda ta' Alexia Micallef, *chamber maid* - fol 95.

[18] Ibid. fol 244.

[19] Affidavit taghha para 15 a fol 149.

[20] Xhieda Mohammed Thabet a fol 111.

[21] Xhieda Frank Pulis waqt is-seduta tal-14 ta' Gunju 2011 a fol 202 u 203.

[22] Xhieda Alfrida Muscat, segretarja mas-socjeta' appellata a fol 67. Konfermat minn Franklin Pulis, fl-affidavit a fol 22 para 5.

[23] Kontro-ezami tar-rikorrenti, fol 242-243.

*qeghdin jitlestew bil-mod. Ghandi nghid illi mhux it-tindif kollu sar mill-haddiema tal-lukanda. Per ezempju t-twapet saru minn terzi persuni li konna kkunttrattajna[24]";*

*(d)* Il-pjan originali tal-lukanda kien li terga' timpjega lir-rikorrenti fil-post originali li kienet tokkupa ta' *housekeeper* tant li l-budget tas-socjeta' appellata ghas-sena 2010, meta kellha terga' tiftah il-lukanda, ipprovda wkoll ghall-paga tar-rikorrenti appellanti[25]. Izda minhabba li mal-ftuh mill-gdid tal-lukanda wara l-immodernizzar is-sitwazzjoni ma kinitx promettenti ghas-socjeta' appellata, il-post okkupat mill-appellanta nzamm vakanti. Fl-affidavit tieghu tat-13 ta' Lulju 2010 Frank Pulis jixhed hekk: *"11. Meta ftahna l-lukanda fl-ewwel t'April 2010, ix-xoghol ma kienx tajjeb hafna u x-xoghol effettivament ma jidhirx li ser ikun tajjeb, ghallinqas s'issa, u ghalhekk ittiehdet id-decizjoni li l-post vakanti ta' housekeeper, li kienet tokkupa precedentement ir-rikorrenti ma jinteliex u effettivament id-dipartiment waqa' taht ir-responsabbilta' tieghi ghallinqas ghalissa. Ghandi nghid illi anke meta r-rikorrenti kienet tokkupa din l-istess kariga, jiena kont diga' ninvolvi ruhi fil-gestjoni u t-tmexxija ta' dan id-dipartiment[26].*

Din is-sitwazzjoni ma jidhirx li nbidlet almenu sa' Gunju 2011 meta rega' xehed Frank Pulis in kontro-ezami. Fuq domanda diretta tat-Tribunal dwar jekk fil-frattemp is-sitwazzjoni tal-lukanda nbidlitx, dan ix-xhud qal: *"Is-sitwazzjoni ghadha ma rpiljatx jigifieri bhalissa s-sena li ghaddiet ma ghamilniex qliegh, kienet qed tirpilja imma bil-problemi li hawn tal-konflitt fin-North Africa spiccajna ergajna nithabtu biex ingibu x-xoghol[27]."*

Ma ngiebet ebda prova mir-rikorrenti biex tikkontradixxi dan.

Fic-cirkostanzi, ristrutturar tax-xoghol sabiex tigi salvagwardjata l-vijabilita' tal-azjenda hija permessa mill-ligi u konfermata mill-Qrati.

Fil-**Kwistjoni tax-xoghol bejn Christopher Carabott u Vivian Corporation Limited deciza fl-4 ta' Frar 2005** u konfermata minn din il-Qorti diversament preseduta fit-30 ta' Mejju 2007[28] intqal -

*"Illi s-socjeta' intimata assorbiet ix-xoghol li kien jaghmel l-appellant billi gie assunt u imferrex sia fuq il-management u sia fuq l-impjegati ezistenti taghha stess. Dana jista' jigi definit bhala ristrutturar fin-numru tal-impjegati relatat mar-realta' attwali tal-istat tal-operazzjoni lokali tal-Whitehall. Minflok baqa' addett wiehed kien imexxi l-prodott taghha l-istess operazzjoni giet riformata fuq elementi gia prezenti fil-kumpanija……….Gie pruvat*

[24] Affidavit para 6 fol 22.

[25] Ibid. Fol 200-201.

[26] Fol 23 u 24.

[27] Fol 211.

[28] Nru 711/05RCP.

*li ma kienx ekonomikament vijabbli li jibqa' jinzamm fl-impjieg. Il-persuni li gie lilhom assenjat id-doveri tieghu jew kienu gia fl-impjieg jew gie moghti bil-part-time".*

(e) Ix-xoghol ta' *housekeeper* gie assorbit u nkluz mad-doveri tal-*maids* u *cleaners* li kienu regghu iddahhlu lura ghax-xoghol. Gaspar Cassar, Reservations u Front Office Manager u Roslin Finocchiaro, *maid*, jghidu li x-xoghol tal-*housekeeping* kienu bdew iqassmuh Alexia Micallef u Dorothy Fenech[29];

(f) F'kull kaz, kemm Alexia Micallef (*chambermaid*) kif ukoll Dorothy Fenech (*maid/cleaner*) kienu diga' jaghmlu xoghol ta' supervizjoni tal-kmamar anke minn qabel ma ghalqet il-lukanda fuq struzzjonijiet tar-rikorrenti appellanta u in sostituzzjoni taghha specjalment fil-Hdud[30]. Dan juri li f'diversi aspetti d-doveri li kienu jaqghu fil-mansjoni tal-*housekeeper* kienu ilhom ghal xi zmien isiru wkoll minn haddiema bi gradi inqas minn dak tar-rikorrenti, fl-istess dipartiment tal-*housekeeping.* Kienet ir-rikorrenti stess li rawmithom jaghmlu xi xoghol li kienet taghmel hi[31];

(g) Il-kariga ta' *house-keeper* baqghet qatt ma giet mimlija u almenu sa' Gunju 2011 kienet ghadha vakanti[32].

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tqis li l-kriterji li jikkostitwixxu *redundancy* genwina gew sodisfatti u l-konkluzjoni tat-Tribunal hija ghalhekk gusta.

Il-Qorti tosserva wkoll li la saret allegazzjoni quddiem it-Tribunal u lanqas ingiebet xi prova specifika li tirrigwarda l-ilment li tressaq ghall-ewwel darba fl-appell dwar il-*collective redundancy* tal-haddiema[33]. Ir-rikors tal-appell ma kellux iservi biex l-appellanti taghmel argumenti godda li qatt ma ssemmew quddiem it-Tribunal[34]. F'kull kaz, mill-listi tal-haddiema tas-socjeta' appellata prezentati in atti mir-rapprezentanta tal-ETC[35], jidher li numru ta' haddiema li gew dikjarati *redundant* fil-perjodu fl-2009 meta ghalqet il-lukanda ghar-*refurbishment*[36] ma kienx jikklassifika bhala *collective redundancy* ghall-finijiet tar-Regolamenti

[29] Xhieda a fol 108 u fol 145 u rispettivament.

[30] Xhieda Dorothy Fenech a fol 81 et seq u xhieda Alexia Micallef a fol 92 et seq. Dan gie wkoll konfermat mir-rikorrenti appellanta fix-xhieda taghha in kontro-ezami a fol 244 et seq.

[31] Affidavit tar-rikorrenti para 13 a fol 149.

[32] Xhieda ta' Frank Pulis, ibid a fol 211.

[33] Fir-rikors tal-appell, l-appellanti argumenta li *"Jekk ghal grazzja tal-argument dak li gara lill-esponenti kien terminazzjoni tal-impieg minhabba redundancy, bhala ma gara lill-haddiema kwazi kollha tal-istess lukanda, dan ikun jikkostitwixxi collective redundancy."* (fol. 5).

[34] Ara wkoll nota ta' sottomissjonijiet li l-appellanti pprezentat fit-Tribunal Industrijali (fol. 299-303).

[35] Fol 71 sa 74 u fol 161 sa 165.

[36] F'dak il-perjodu l-lukanda kienet timpjega tmintax -il full timer u tnax il-part-timer – affidavit Franklin Pulis, para 3 Fol 21.

dwar Sensji Kollettivi (Harsien tal-Impjiegi)[37].

Finalment, il-kummenti tal-appellanti li principal jista' jaghzel li *"japprofitta ruhu"* minn perjodi jew staguni partikolari biex jehles minn xi haddiema huma gratuwiti u superfluwi ghal kaz in ezami. F'dan il-kaz hu evidenti li t-Tribunal Industrijali kkonkluda li dan ma kienx kaz ta' *camouflaged redundancy*. Tant hu hekk li fid-decizjoni qal, *"…. ma tirrizulta ebda ebda mala fede min-naha tal-kumpannija intimata"* (fol. 325). Hawn ukoll din il-qorti ma tistax tissindika l-apprezzament tal-fatti li ghamel it-Tribunal.

Dan l-aggravju huwa ghalhekk michud.

**<u>It-tieni aggravju: diskriminazzjoni.</u>**

L-appellanti ssostni li legalment id-deliberazzjiijiet tat-Tribunal injoraw dak li tghid il-ligi dwar trattament diskriminatorju. Il-haddiema essenzjali, fosthom il-housekeeper, huma kollha mehtiega u m'ghandha ssir ebda distinzjoni bejn haddiem u iehor. L-appellanti giet diskriminata f'dan il-kaz meta tkecciet ghaliex il-*General Manager* ma kellux grazzja maghha u mhux minhabba l-immodernizzar tal-lukanda. Il-*Management* ghamel minn kollox biex idejjaq lill-appellanti u meta din ma telqitx minn jeddha, hija ma ssejhitx lura avolja s-socjeta' appellata kienet provdiet ghall-paga taghha fil-budget tal-pagi. L-oppost gara mal-haddiema l-ohra ghax dawn issejhu lura. L-appellanta ssostni wkoll li qabel ma ddahhal lil haddiehor fl-istess pozizzjoni, s-socjeta' appellata kellha l-obbligu li ddahhal lilha.

L-iskop tar-Regolamenti dwar Trattament Ugwali fl-Impjieg[38] hu li jdaħħlu fis-seħħ il-prinċipju ta' trattament ugwali fir-rigward ta' impieg billi jispeċifikaw ir-rekwiżiti minimi meħtieġa biex jikkumbattu trattament diskriminatorju għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin reliġjuż, diżabilità, età, sess, orjentament sesswali, u oriġini razzjali jew etnika[39].

Trattament diskriminatorju fuq il-post tax-xoghol huwa definit hekk minn dawn ir-Regolamenti[40]:

*"kull distinzjoni, esklużjoni, restrizzjoni jew differenza fi trattament, kemm diretti kemm indiretti, għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fir-regolament 1(3) li mhix ġustifikabbli f'soċjetà demokratika u tinkludi:*

*(a) fastidju u fastidju sesswali, kif ukoll kull trattament inqas favorevoli li jkun ibbażat fuq ir-rifjut jew issottomissjoni ta' persuna għal imġieba ta' dik ix-xorta;*

---

[37] L.S. 452.80.

[38] L.S. 452.95.

[39] Regolament 1(3).

[40] Regolament 2(1).

*(b) istruzzjoni biex issir diskriminazzjoni kontra persuni minħabba s-sess;*

*(ċ) kull trattament anqas favorevoli ta' mara f'dak li jkollu x'jaqsam mat-tqala jew leave tal-maternità fil-kuntest tad-Direttiva 92/85/KEE;*

*(d) f'dak li għandu x'jaqsam mar-raġuni ta' sess, kull trattament anqas favorevoli ta' persuna li tkun għaddiet jew li tkun qed tgħaddi minn tibdil tas-sess li għal għan ta' dawn ir-regolamenti għandha tfisser meta persuna tkun qed tikkunsidra jew ikollha l-intenzjoni li tgħaddi minn, tkun għaddejja jew tkun għaddiet minn proċess, jew parti minn proċess, bl-għan li jinbidel is-sess ta' dik il-persuna billi jinbidlu attribwiti fiżjoloġiċi jew oħrajn tas-sess;*"

Ebda wahda minn dawn ma hi riflessa fir-rikors promotur jew fil-provi li pproduciet l-appellanti. F'kull kaz, ma jirrizultax li saret distinzjoni diskriminatorja bejn l-appellanti u haddiema ohra. Il-fatt li nhasset il-htiega li mpjegati ohra, f'karigi diversi minn taghha jissejhu lura wara t-tlestija tal-process ta' mmodernizzar ma jpoggix is-sitwazzjoni tal-appellanti f'qaghda dikriminatorja ghax kif qal it-Tribunal, irid isir tqabbil ta' 'like with like.' Gie ppruvat li almenu sa nofs is-sena 2011 hadd aktar ma gie ngaggat fil-kariga ta' *housekeeper*. Ukoll, il-fatt li dan ir-rwol gie assorbit fid-doveri tal-*management* u ta' mpjegati ohra li kienu diga' qeghdin iwettqu dawn id-doveri minn qabel ma ghalqet il-lukanda ma jammontax ghal diskriminazzjoni fil-konfront tal-appellanta.

Il-Qorti ssib ukoll li ma ngiebet ebda prova ta' trattament vessatorju mill-*Management* fil-konfront taghha u lanqas ma rrizulta li l-kawza tat-terminazzjoni kienet motivata minn nuqqas ta' simpatija lejha. B'zieda ma' dan jigi osservat li n-nuqqas tas-socjeta' appellata li tattwa fl-intier tieghu il-budget ghall-pagi tal-haddiema kollha minhabba cirkustanzi li fost ohrajn ma rrendewx il-kariga tal-appellanta bhala finanzjarjament vijabbli aktar, ma jaghti ebda lok ghal diskriminazzjoni.

Dan l-aggravju qieghed ghalhekk jigi wkoll respint.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul